MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 23/2004

**ATTARD TIPPED TOOLS LIMITED**

vs

**GUIDO AGIUS FURNITURE LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Jannar, 2004, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tmint elef erba' mija u erbatax-il liri maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm8414.35) bħala bilanċ minn somma akbar, in kwantu għal elfejn mitejn u tnejn u tletin liri maltin u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm2232.81) rappreżentanti l-import ta' ħmistax-il kambjala ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin (Lm152.61) il-waħda iffirmati minn Guido Agius, għan-nom u in rappreżentanza tas-

soċjeta’ Guido Agius Furniture Ltd. Liema kambjali huma maturati, skaduti u mhux onorati, jiġifieri:

i. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Ottubru 2002, liema ammont ġie ridott għal u għalhekk baqa’ pendenti sitta u disgħin liri maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm96.27) (Dok. ATT 1);

ii. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Novembru 2002 ( Dok. ATT 1);

iii. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Diċembru 2002 (Dok. ATT 2);

iv. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’Jannar 2003 (Dok. ATT2);

v. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Frar 2003 (Dok. ATT3);

vi. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Marzu 2003 (Dok. ATT 3);

vii. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ April 2003 (Dok. ATT 4);

viii. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta’ Mejju 2003 (Dok. ATT4);

ix. Kambjala għall-ammont ta’ mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.561) skaduta fit-30 ta’ Ġunju 2003 (Dok. ATT 5);

x. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta' Lulju 2003 (Dok. ATT 5);

xi. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 t'Awissu 2003 (Dok. ATT 6);

xii. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta' Settembru 2003 (Dok. ATT6);

xiii. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 t'Ottubru 2003 (Dok.; ATT 7);

xiv. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta' Novembru 2003 (Dok. ATT 7);

xv. Kambjala għall-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin liri maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm152.61) skaduta fit-30 ta' Diċembru 2003 ( Dok. ATT 8);

U kwantu għal sitt elef u mija u wieħed u tmenin liri maltin u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm6181.54), rappreżentanti ħlas għall-prezz ta' injam, makkinarju u oġġetti oħra relatati, mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, u dana skond ma jirriżulta mill-anness *statement u invoices*, mmarkati (Dok. ATT 9 – Dok. ATT 38);

Illi s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex taffettwa l-ħlas relattiv, u din xorta baqgħet inadempjenti;

Illi l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi, s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini ta' Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għad-dispensa mis-smiegħ tal-kawża;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raguniijiet fuq premessi, u in vista ta' l-affidavit ġuramentat u hawn unit (Dok. CA 1):

1. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef erba' mija u erbatax-il liri maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm8414.35) u dana bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' Artikoli 167 *et seq* tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż tal-presenti, ta' l-ittra interpellatorja, datata 16 ta' Diċembru, 2003, tal-mandat ta' Qbid numru 55/04, tal-mandat ta' sekwestru numru 54/04, ippreżentati kontestwalment, u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta, nġunta minn issa in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kif mitluba kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------